# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Marzu, 2001**

**Numru 25**

**Cit. Nru. 3188/96 GCD**

**Nutar Dottor Michel u Victoria, konjugi Dingli**

**vs**

**Frank Zammit**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

B'citazzjoni fl-ismijiet premessi pprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l-atturi, wara li ppremettew illi fid-29 ta' Dicembru, 1995, f'xi 6-3.45 p.m. f'Birkirkara biswit Triq Iklin, filwaqt illi l-konvenut Frank Zammit kien qed isuq il-vettura Mazda bin-numru ta' registrazzjoni C-8085, huwa habat mal-vettura ta' marka Honda bin-numru ta' registrazzjoni B-0437,

proprjeta' ta' l-aturi u misjuqa mill-attrici Victoria Dingli skond kif jirrizulta mill-iskizz u rapport anness u mmarkat bhala Dokument "X"; illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghal dan l-incident u dan minhabba traskuragni u nuqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu; illi b'konsegwenza ta' dan l-incident l-atturi sofrew danni konsiderevoli fil-vettura taghhom; illi l-konvenut ghalkemm debitament interpellat diversi drabi mill-atturi sabiex jaddivjeni ghal-likwidazzjoni bonarja u hlas tad-danni sofferti mill-atturi fil-vettura taghhom b'konsegwenza ta' dan l-incident, huwa baqa' inadempjenti; talbu lill-istess Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex ghalhekk prevja kull decizjoni necessarja (1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara fid-29 ta' Dicembru, 1995, f'Birkirkara meta l-istess konvenut kien qed isuq il-vettura numru C-8085; (2) tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bhala konsegwenza ta' dan l-incident, okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi; u (3) tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni minnhom sofferti b'rizultat ta' dan l-incident. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-23 ta' Jannar, 1996 u ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Lulju, 1996 kontra l-konvenut li kien ingunt ghas-subizzjoni u bl-ispejjez ta' ittra ufficjali ohra ipprezentata kontra l-Assikurazzjoni tal-konvenut kontestwalment mac-Citazzjoni, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut eccepixxa (1) illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billli l-incident tat-traffiku li sehh bejn Victoria Dingli u l-eccipjenti gara unikament tort u htija ta' l-attrici Victoria Dingli u dana kif sejjer jigi pruvat waqt il-kawza; (2) illi stante li dan l-incident ma garax tort ta' l-eccipjenti l-ebda ammont in linea ta' danni ma ghandu jigi mhallas lill-atturi, liema danni fi kwalunkwe kaz huma ezagerati. u (3) salve eccezzjonijiet ohra.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi nhar il-Gimgha 11 ta' Gunju, 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**L-APPELL TA' L-ATTURI**

4. L-atturi hassew ruhhom aggravati bl-imsemmija sentenza, u interponew appell minnha lil din il-Qorti fuq l-aggravju li l-Ewwel Qorti kien messha laqghet, u mhux cahdet, it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

Illi, skond l-appellanti, l-ewwel Qorti ma kienet bl-ebda mod gustifikata illi tasal ghall-konkluzzjoni illi l-htija ghall-incident hija kollha ta' l-attrici Victoria Dingli, illi, skond l-istess Qorti, qasmet quddiem traffiku li kellu precedenza bla ma rat sew setghetx taghmel hekk bla perikolu, u illi, dejjem skond l-istess Qorti, harget bla ma waqfet u b'velocita' bizzejjed biex lill-karozza l-ohra ccaqlaqha bid-daqqa – u dana sew ghar-ragunijiet illi sejrin jinghataw aktar 'il quddiem f'dana ir-rikors, kif ukoll ghar-ragunijiet l-ohra kollha illi jinghataw lil dina l-Qorti waqt it-trattazzjoni ta' l-Appell;

Illi fil-konkluzzjoni taghha ta' kif grat il-habta, l-ewwel Qorti tikkonkludi illi Triq Geronimo Abos (minn liema triq kienet hierga l-attrici appellanti Victoria Dingli) tizbokka ghal gos-service road parallela ma' Triq Dun Karm (minn liema service road kien qieghed jaqsam il-konvenut appellat) u kwindi din hija T junction. Din il-konkluzzjoni hija erroneja.

Triq Geronimo Abos taghmel iva T junction, izda dan taghmlu ma' Triq Dun Karm u mhux mas-service road u dana kif indikat sew fl-iskizz esibit mac-Citazzjoni (Dokument "X") kif ukoll kif indikat ahjar bl-isfar fil-pjanta tas-sit hawn anness u markat bhala dokument "W" – liema pjanta tas-sit bhala dokument ufficjali mahrug mir-Registru ta' l-Artijiet kull ma taghmel hu li tamplifika ahjar l-iskizz ghall-ahjar istruzzjoni ta' dina l-Qorti fl-appell odjern u ghal liema raguni l-atturi appellanti umilment

jitolbu lil dina l-Qorti li jigu awtorizzati sabiex jesebixxu kontestwalment ma’ dana l-Appell taghhom.

Illi kieku Triq Geronimo Abos ma kenitx taghti ghal fuq Triq Dun Karm, kieku veru illi hemmhekk kienet taghmel T junction mas-service road. Izda dan mhux il-kaz. Infatti kif jirrisulta car mill-Iskizz l-iStop sign qieghed fuq, u fit-tarf ta’ Triq Geronimo Abos qabel ma din taghti ghal Triq Dun Karm u mhux qabel ma din taghti ghas-service road.

Tant hu li s-service road ma tistax tkun T junction ma’ Triq Geronimo Amos illi jkun assurd li meta wiehed jigi biex jidhol ghal fuq Triq Geronimo Abos minn fuq Triq Dun Karm – li hija definitavament arterja principali – irid jaghti precedenza lit-traffiku li jista’ jkun miexi fuq is-service road. Triq Geronimo Abos tispicca fuq Triq Dun Karm u mhux fis-service road u Triq Geronimo Abos tispicca fuq Triq Dun Karm u mhux fis-service road u Triq Geronimo Abos tilqa’ traffiku sostanzjali fiz-zewg direzzjonijiet – u cioe kemm ghal go fiha minn Triq Dun Karm u kemm minn go fiha ghal go Triq Dun Karm.

Illi ukoll biex wiehed jaghti precedenza ghat-traffiku gos-service ghat-traffiku fi Triq Geronimo Abos jkun qed jaghti precedenza ghal side road minn fuq main road. Triq Geronimo Abos hija ferm usa’ mis-service road u din it-triq taqsam lis-service road u mhux tizbokka go fiha.

Inoltre tant Triq Geronimo Abos ma tiffurmax T junction mas-service road, illi biex mis-service road taccedi ghal Triq Dun Karm dan jista' jsir kwazi minghajr ebda ostakolu jew indhil mat-traffiku li jista' niezel minn Triq Geronimo Abos ghax kif anke' jirrzulta mill-Iskizz is-central strip qieghda erba' metri `l hinn mill-karreggiata ta' Triq Geronimo Abos.

Illi ghalhekk meta l-Ewwel Qorti tghid li l-konvenut kien qed jaqsam quddiem Triq Geronimo Abos, dan kien manifestament zbaljat il-ghaliex huwa ma kienx qed jaqsam quddiem l-imsemmija triq izda kien qed jaqsam l-istess triq. Kif gia' intqal, il-konvenut kien jitqies li kien qed jaqsam quddiem Triq Geronimo Abos li kieku biss din ma kienitx tinfed ghal fuq Triq Dun Karm u mhux meta tinfed ghal Triq Dun Karm fejn l-attrici kellha l-obbligu li tieqaf u mhux qabel. Kieku kienet wieqfa taht l-iStop sign kif suppost, ma hux logiku li l-vetturi fuq is-service road jitqiesu illi xorta wahda ghandhom id-dritt li jibqghu ghaddejjin fil-karreggjata taghhom.

Ghalhekk ukoll meta l-Ewwel Qorti tghid li l-attrici harget minn dik it-triq (Triq Geronimo Abos) dan huwa sbaljat ghax l-attrici ma hargitx minn dik it-triq izda kienet u baqghet fuqha biex twassalha ghal Triq Dun Karm.

Il-Qorti taghti piz qawwi lix-xhud Tereza Zammit Cordina dwar jekk l-attrici waqfetx kompletament fil-hin tal-habta izda meta din l-istess xhud xhedet dwar karozzi pparkjati mas-central strip, mhux biss talli il-Qorti ma tatx konsiderazzjoni ghall-fatt li din qalet li ma kienx hemm karozzi, izda il-Qorti marret oltre biex qalet illi il-'karozzi pparkeggjati' x`aktarx lahqu telqu sakemm marret il-pulizija fuq il-post. Din hija assunzjoni ghal kollox gratuwita maghmula a favur tat-tezi konvenuta illi certament illi ma kienx hemm lokha.

L-anqas mal-Qorti wiznet il-fatt li din ix-xhud qalet li d-daqqa kienet fuq in-nahha taghha. Kieku l-attrici dahlet fuq il-konvenut (kif ikkonkludiet il-Qorti) kieku x-xhud kienet tghid li d-daqqa kienet gejja min quddiemha u mhux minn fuq in-naha taghha.

Allura ix-xhud Theresa Zammit Cordina hija kredibbli sakemm tikkontradixxi xi ftit lill-attrici (ghalkemm wiehed irid jikkunsidra wkoll illi ma kienetx ix-xhud illi kienet qieghda ssuq il-vettura), pero mhix kredibbli meta tikkonferma l-isketch; l-iketch huwa tajjeb meta jindika , fl-opinjoni zbaljata tal-Qorti, li l-karozza ta' l-attrici tefghet il-vettura tal-konvenut ftit fuq ix-xellug, pero' mhux tajjeb meta jindika li ma kienx hemm karozzi pparkjati mas-central strip – biex ma nghidu xejn illi jindika wkoll li l-iStop sign ma' Triq Dun Karm, u brake marks evidenti fir-rigward tal-vettura tal-konvenut.

Il-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti illi "l-fatt li l-karozza tal-konvenut intefghet ftit lejn ix-xellug bid-daqqa, kif murija fl-isketch juri li l-karozza ta' l-attrici kien ghad ghandha momentum meta habtet u kwindi ma kenitx wieqfa ghal kollox" hija ghal kollox sbaljata. Ghalkemm veru ma hux definittivament konklussiv mill-evidenza moghtija mix-xhieda jekk l-attrici kenitx wieqfa kompletament jew le, pero' bi ftit kalkoli fizici jirrizulta li dan kien aktar probabli milli le u jekk mhux hekk ad ogni modo zgur li l-karozza ta' l-attrici ma caqalqitx lil dik tal-konvenut.

"Momentum is the product of the mass of a moving particle multiplied by its linear velocity". Issa mill-isketch – u dan ghar-ragunijiet aktar 'l isfel esposti – jidher car illi l-velocita tal-vettura tal-konvenut zgur illi kienet tlett darbiet aktar ghal dik tal-vettura ta' l-attrici u kwindi kien ferm akbar il-momentum tal-karozza tal-konvenut minn dik ta' l-attrici stante li pressapoco il-massa taz-zewg vetturi hija l-istess. Kieku wiehed qed jitkellem bejn truck u karozza jew karozza u mutur, jew Mini Minor u Mercedes, dan l-argument ma kienx iregi. Izda f'dan il-kaz il-vetturi huma ta' l-istess massa.

Ix-xhieda kollha qablu li kien hemm ferm aktar hsara fil-vettura tal-attrici minn dik tal-konvenut u kwindi il-vettura tal-konvenut ezercitat ferm aktar forza fuq il-vettura tal-attrici li ssubiet dik il-forza u mhux il-kontra li

l-vettura ta' l-attrici ezercitat il-forza biex iccaqlaq il-vettura tal-konvenut. Huwa fizikament impossibbli li massa li issaportiet tant forza kontriha tezzercita forza fid-direzzjoni opposta kontra dik il-massa li ezercitat dik il-forza bizzejjed biex iccaqlaq dik il-massa. Cioe jew il-vettura tal-attrici caqalqet dik tal-konvenut jew issubiet aktar forza mill-vettura tal-konvenut, izda mhux tat-tnejn.

"The force needed to accelerate an object will be proportional to its mass times the acceleration". U min kellu l-aktar accelerazzjoni min fl-istess hin ghamel zewg metri jew min ghamel sitt metri?

Ir-rilevanza ta' x'kien qal il-konvenut dwar fejn kellu l-hsieb li jmur li kieku ma saritx il-habta hija ftit li xejn, specjalment meta komparata ma', per esempju, jekk kienx "on the wrong side of the road" jew ma' l-fatt li kien mghaggel.

Madankollu, fir-rigward ta' x'qal il-konvenut dwar fejn kien sejjer, ghal kull buon fini l-atturi appellanti jirrelevaw is-segwenti, u cioe' illi fir-rapport tal-Pulizija hemm x'qal il-konvenut u fejn kien sejjer u cioe lejn il-Model Shop li huwa wkoll indikat fl-Iskizz.

Kieku kien ser tassew jibqa' sejjer dritt, kif ikkostatat l-Ewwel Qorti u dan dehrilha li huwa relevanti, kien ikun aktar imporanti li jigi apprezzat li fil-

waqt materjali ta' l-incident il-konvenut kien madankollu qiehed isuq "on the wrong side of the road" kif indubbjament jidher fl-Iskizz. Il-Qorti pero' dehrilha illi din il-posizzjoni kienet ghal kollox regolari.

Il-Qorti ikkonkludiet illi ic-cirkustanzi juru car li l-attrici harget minn triq sekondarja bla ma qabel ratx setghetx taghmel hekk bla ma tfixkel traffiku li, tikkonkludi l-istess Qorti, kellu precedenza fuqha. It-teorija ta' T junction ga giet ribattuta aktar 'il fuq. Il-Qorti tkompli tghid li l-attrici harget u b'velocita bizzejjed biex lill-karozza l-ohra ccaqlaqha bid-daqqa.

Primarjament l-attrici kellha obbligu li tieqaf fejn hemm l-iStop sign u dan kif gja fuq espost ghax it-triq li kienet fiha hemm tispicca. In kwantu ghall-velocita' l-anqas ma l-Qorti apprezzat li waqt fil-hin li l-vettura tal-konvenut bil-brake maghfus kkareggjat sitt metri, il-vetturi ta' l-attrici l-aktar li setghet kkareggjat, se mai, huwa zewg metri ghax minn meta l-konvenut ra il-vettura  ta' l-attrici u cioe fil-punt li huwa ghafas il-brake, il-vettura ta' l-attrici l-aktar (u dan il-massimu irid jigi enfasizzat) li setghet kienet lura mill-posizzjoni indikata fl-isketch u cioe' meta saret il-habta, huwa b'zewg metri. Cioe' minn meta l-konvenut setgha l-ewwel jara l-vettura misjuqa mill-attrici u ghafas il-brake sa' l-impatt, fl-istess hin li il-vettura tal-konvenut ghamlet tragitt ta' sitt metri, il-vettura ta' l-attrici bhala massimu setghet ghamlet biss tragitt ta' zewg metri. Dan

ifisser illi jekk ghall-grazzja ta' l-argument it-tragitt ta' sitt metri dam sekonda – u kwindi il-velocita tkun ta' 21.6km/h – fl-istess sekonda l-vettura ta' l-attrici ghamlet tragitt ta' zewg metri massimu b'velocita ta' 7.2km/h. huwa impossibbli li l-vettura ta' l-attrici caqalqet il-vettura l-ohra li kienet ghaddejja b'velocita tlett darbiet taghha. Ir-relattivita' tal-velocita tal-vettura tal-konvenut ghal dik ta' l-attrici hija ta' minimu tlett darbiet. L-isketch juri dan bic-car. "Velocity equals time over distance". Id-distanzi relattivi jidhru fl-isketch u l-hin huwa kostanti.

Inoltre x-xhieda kollha kkonfermaw li l-hsara tal-attrici kienet ferm akbar minn dik tal-konvenut. Dan il-fatt – li l-karozza ta' l-attrici kienet ferm akbar minn dik tal-konvenut – fih innifsu juri bic-car li mhux l-attrici dahlet fuq il-konvenut izda l-konvenut dahal fuq l-attrici ghax il-vettura ta' l-attrici offriet l-anqas rezistenza ghax kellha l-anqas momentum.

Il-konvenut fix-xhieda tieghu (fol. 40 tat-traskrizzjoni dattilografata tax-xhieda) jghid li kif immedjatament gie fil-kantuniera……….ra l-attrici u ……… ovvjament l-istint hu li jaghfas il-brake….Il-konvenut ra l-attrici qabel ma wasal ghal kantuniera (dan jixhduh l-istess brake marks) u l-Qorti naqset li tapprezza fatt iehor ovvju – l-istint biex jigi evitat incident definittavement prevvist mhux biss jaghtik li tibbrekja izda li tisswervja ukoll biex tevita dan li ghandek quddiemek. Jigifieri l-konkluzjoni tal-Qorti li kienet il-vettura ta' l-attrici li caqalqet lil dik tal-konvenut mhix

tenibbli. Il-brake marks ukoll jindikaw illi il-karozza tal-konvenut kienet qed tigbed fuq ix-xellug tieghu ghax jekk hemm aktar pressjoni fuq ir-roti tax-xellug – u dan kif jidher car mill-isketch – jekk fuq ix-xellug jkun hemm forza li qed taghmel aktar braking effect minn fuq il-lemin, il-karozza ser tigbed fuq ix-xellug. Di fatti pedala tal-brakes wahda hemm izda brake marks hekk tnejn u dik tax-xellug turi li l-brakes tax-xellug kienu aktar effettivi minn dawk tal-lemin.

Issa jekk l-vettura ta' l-attrici kienet miexja bil-velocita li kkonkludiet il-Qorti, kieku id-daqqa fuq il-vettura ta' l-attrici kienet tkun fuq in-naha ta' wara tal-genb tal-vettura taghha ghax kienet tkun lahqet l-iStop sign u waqfet hemm galadarba ma giex stabbilit li l-attrici kienet wieqfa fil-hin ta' l-impatt.

Ghandu jigi rilevat ukoll illi jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed jammetti – li mhux il-kaz – li kien hemm vetturi pparkeggjati fuq is-service road mas-central strip, dan il-fatt ma jezonorax lill-konvenut mill-obbligu li jsuq fuq in-naha tax-xellug ta' triqtu. Inoltre anke li kieku kien hemm vetturi ohra pparkeggjati kellu spazju bizzejjed mhux biss biex ma jzommx lejn in-nofs tat-triq izda kellu bizzejjed spazju biex izomm fuq ix-xellug kif kien obbligat li jaghmel. Jigi sottomess ukoll illi f'kaz illi wiehed ma jistax izomm fuq in-naha tieghu tat-triq ghax ikun impedit milli jaghmel dan minhabba karozzi ohra pparkjati fuq in-naha tax-xellug

tieghu, u anke minhabba d-djuq tat-triq in kwistjoni, xorta wahda jibqa' l-obbligu illi f'dawk ic-cirkostanzi wiehed jipprocedi b'mod ferm aktar kawt minn dak kif certament ipproceda l-konvenut appellat fil-kaz in esami. Dan il-fatt wahdu, u cioe' illi l-konvenut kien miexi "on the wrong side of the road", jattribwixxi r-responsabbilita' legali kollha lill-konvenut anke li kieku kellha tigi sostnuta t-teorija ta' T junction ahseb u ara fil-kaz in ezami fejn din it-teorija ta' T junction hija totalment inapplikabbli.

Biex il-Qorti tghid li bniedem fuq service road li qed jaqsam arterja ohra (sekondarja jew principali) "on the wrong side of the road" ikun qieghed f`pozizzjoni regolari huwa kapovolgiment tar-regolamenti tat-traffiku ghax ghalkemm f'T junction wiehed li jkun miexi fit-triq il-mimduda ghandu d-dritta, din id-dritta tezisti biss sakemm huwa jkun hekk miexi fuq in-naha tieghu – fuq ix-xellug – u mhux fuq il-lemin kif kien il-konvenut.

Ghaldaqstant l-atturi appellanti talbu li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-Sentenza appellata kif moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Gunju 1999 fl-interita' kollha taghha, u tipprovdi minflok billi tiqa' t-talbiet kollha attrici bl-ispejjez taz-zegw istanzi kontra l-konvenut appellat.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-APPELL TA' FRANK ZAMMIT</u>**

5. L-appellat konvenut wiegeb hekk:

(i) Illi is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fil-11 ta' Gunju, 1999 li minnha l-attur interpona appell hija gusta u ghalhekk timmerita li tigi ikkonfermata minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

(ii) Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti. L-attrici, Victoria Dingli kienet qed issuq il-vettura taghha numru B-0437 go Triq Geronimo Abos sejra fid-direzzjoni ta' Triq Dun K. Psaila. Issa ma' gemb Triq Dun K. Psaila u parallela maghha, hemm triq ohra li hija li jservi bhala access ghad-djar u hwienet li hemm fil-lokalita'. Din it-triq ghalkemm issejhet bhala service road fir-realta hija triq normali u tifforma ma' Triq Geronimo Abos **T junction** u dana fis-sens illi Triq Geronimo Abos tigi s-sieq wieqfa u s-service road tigi l-parti mimduda. Il-konvenut li kien qed isuq il-vettura numru C-8085 kien qed isuq f'din is-service road sejjer fid-direzzjoni generali ta' Hal-Lija.

(iii) Illi t-traffiku f'**T junction** huwa regolat b'section 82(4) tal new **Motor Vehicle Regulations** (Legal Notice 128 tal 1994). Anki l-**Highway Code Malti** – Sec. 83 f'dik il-parti mgharufa bhala **Right of Way** jghid hekk :

***However at T Junctions the through road has always priority over the branch road***

(iv) <u>Skond dan ir-regolament il-konvenut appellat kellu d-dritta u l-attrici, Victoria Dingli kienet obligat li tieqaf fil-kantuniera, haga li hija manifestament m'ghamlitx</u>. Dana jirrizulta bl-aktar mod car billi fl-ewwel lok hemm ix-xhieda ta' Theresa Zammit Cordina, passiegiera fil-vettura tal-attrici, li kkonfermat fix-xhieda taghha fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 1999 (fol. 56 et) illi l-attrici kienet ghadha ma' waqfitx ghal kollox meta saret il-habta. Fit-tieni lok il-pozizzjoni tal-vettura tal-konvenut kief murija fl-iskizz tikkonferma illi b'daqqa hija intefghet xi ftit lejn ix-xellug bid-daqqa. Kieku l-vettura tal-attrici kienet wieqfa dan ma' kienx ikun il-kaz.

(v) L-appellanti qed jsostnu illi triq Geronimo Abos taghmel **T junction** ma' Triq Dun K. Psaila u mhux mas-service road. Dan huwa ghal kollox argument skorett, tant huwa skorett illi illum tpogga STOP sign fil-kantuniera ta' Triq Geronimo Abos mas-service road. Dan ifisser illi kull min ikun gej go Triq Geronimo Abos sejjer fid-direzzjoni ta' Triq Dun K. Psaila, l-ewwel irid jieqaf fil-kantuniera mas-service road u wara li jkun accerta ruhu illi jista jimxi il-quddiem minghajr ma' jfixkel

traffiku fis-service road, irid jerga jieqaf fil-kantuniera ma' Triq Dun K. Psaila fejn hemm STOP sign iehor. Dan ifisser illi Triq Geromino Abos tispicca fil-kantuniera li taghti mas-service road, u mhux kif qed jghidu l-appellanti li Triq Geronimo Abos tkompli sa Triq Dun K. Psaila.

(vi) L-esponenti jixtieq jirrileva illi l-pozizzjoni tieghu fit-triq kienet determinata mill-fatt illi kien hemm vetturi pparkjati fuq iz-zewg nahat tas-service road liema triq incidentalment hija wiesgha circa 24 pied. Dwar il-vetturi li kien hemm ipparkjati go s-service road ix-xhud Theresa Zammit Cordina ma' ftakritx jekk kienx hemm vetturi ipparkjati fuq iz-zewg nahat tas-service road, imma ma' eskludiet il-possibilita. Fix-xhieda taghha l-attrici l-ewwel qalet li kien hemm ipparkjati vetturi ma' naha tal-maqrud, u cioe fuq in-naha tax-xellug tal-konvenut, u wara qalet ***"I don't remember, ha nghidu hekk fic-cert".*** Il-konvenut fix-xhieda tieghu ikkonferma li kien hemm vetturi ipparkjati fuq iz-zewg nahat tas-service road (fol. 39 tax-xhieda) u kien proprju ghalhekk li huwa kien kostrett li isuq lejn nors it-triq.

(vii) L-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet illi l-attrici harget gos-service road minghajr ma' waqfejt u b'hekk fixklet

traffiku li kellu precedenza fuqha. Izda l-attrici mhux biss ghamlet dan, izda naqset milli jzomm proper lookout. Il-vettura tal-konvenut ratha biss mal-impatt, u dana nonostante li hija kella vizwali tajba u fit-tul fuq ix-xellug taghha. Kieku l-attrici kienet qed issuq b'mod regolari, u b'attenzjoni kienet tieqaf fil-kantuniera u tohrog bil-mod bil-mod (inching out). Dana l-attrici ma ghamlitux – hija waqfet biss ma' l-impatt, u minhabba f'dan in-nuqqas da parti taghha f'T Junction hija ghandha tbati t-tort kollu ghall-incident.

Ghaldaqstant l-appellat talab li dina l-Qorti joghgobha tichad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata fl-interita' taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

6. L-atturi appellati ma qablux ma' dak li gie konkluz mill-ewwel Qorti u cioe' li l-habta awtomobilistika de quo ma gratx bi htija tal-konvenut appellat u konsegwentement cahdet it-talba attrici.

7. Aggravju ewlieni ta' l-atturi huwa li l-ewwel Qorti skorrettement qieset l-inkrocju bejn Triq Geronimo Abos, limiti ta' Birkirkara, (mnejn xirfet l-attrici bil-vettura taghha) mas-'service road' (mnejn kien ghaddej il-konvenut bil-vettura tieghu) bhala T-Junction mentri fil-fatt huma

jissottomettu li proprjament it-T-Junction kienet tinsab aktar 'l isfel u cioe'  fl-inkrocju bejn is-"Service Road" u Triq Dun Karm Psaila, u precizament fejn fl-iskizz – Dok X a fol 5 tal-process – hemm muri "Stop Sign".

8. Il-Qorti wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet taz-zewg nahat, fid-dawl tal-provi prodotti, hija tal-fehma li l-probabilita' hi li t-T-Junction ewlenija kienet tassew kif ippostulat mill-atturi u mhux kif gie meqjus mill-Ewwel Qorti.  Sfortunatament ghal xi raguni ma gie prodott l-ebda xhud min-naha ta' l-awtoritajiet kompetenti bl-iskop li jelucida ahjar dan il-punt importanti. Izda, madankollu, ghandu jidher ovvju li trattandosi ta' triq usa (bhalma kienet Triq Abos ghal dik maghrufa biss bhala "service road" mnejn kien isuq il-konvenut, li, d-dritt tal-precedenza pjuttost kienet tiffavorixxi lill-utenti tat-Triq Geronimi Abos u mhux kif gie ritenut mill-Ewwel Qorti.  L-"istop sign" originali huwa mqieghed ma' dak it-tarf tat-triq li immedjatament jizbokka ghal Triq Dun Karm Psaila. Dan ifisser li proprjament is-sewwieqa nezlin minn Triq Abos kellhom jassiguraw ruhhom li jieqfu qabel ma jisporgu fi Triq Dun Karm Psaila – triq parallela ghas-"service road" – u mhux meta ser jittraversaw is-"service road".  Ovvjament dana ma jfissirx ukoll li kull sewwieq li niezel lejn Triq Dun Karm Psaila ghandu xi "carte blanche" li jibqa' ghaddej bhallikieku is-"service road" ma kienetx hemm.  Il-htiega li jzomm f'kull hin u waqt tas-sewqan ta' "proper lookout" tibqa' tinkombi fuqu dejjem.  U jekk dan

l-oneru ma jigix osservat sew – kif jirrizulta li naqset milli tosservah l-attrici – allura ghandu jnissel certi konsegwenzi kontributorji.

9. Fir-risposta tieghu ghall-appell ta' l-atturi il-konvenut isostni li llum sar "Stop Sign" fl-inkrocju qrib fejn sehh l-incident "de quo", igifieri fl-inkrocju ta' bejn Triq Abos u s-'service road'. Ankorke' dan jista' jkun hekk ma jfissirx li allura tirrizulta l-prova li t-T-Junction ewlenija kienet kif jallega l-konvenut u kif gie kkostatat mill-Ewwel Qorti. Anzi, dan l-izvilupp juri li konxji mill-periklu li jaghti lok dan l-inkrocju b'vetturi nezlin biex jizbokkaw fiTriq Dun Karm u ohrajn ghaddejjin mis-'service road', li dehrilhom prudenti li javvertixxu s-sewwieqa biex qabel ma jattraversaw din is-'service road' ghandhom jieqfu. Qabel invece ma kienx hemm tali senjalazzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk, bil-maqlub ta' dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti, ma jirrizultax li s-'service road' kellha l-precedenza fuq Triq Abos.

10. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti jidhrilha li kieku kull parti gharfet izzomm sia "a proper look-out" kif ukoll kontroll shih u tempestiv fuq il-vettura li kull utent kien jiggwida, dan l-incident kien jigi evitat ghal kollox, billi ma kienx isehh. Fil-fatt lanqas kien il-kaz ta' xi sewqan eccessiv, la min-naha u lanqas minn ohra, imma pjuttost jirrizulta li l-incident sehh minhabba negligenza fis-sewqan miz-zewg sewwieqa kif fuq inghad. Certament il-fatt li "ex admissis" li l-konvenut kellu

premura biex ifittex iwassal xi prodott farmacewtiku lil spizerija fil-qrib ma tantx ghin biex hu jkun ikkoncentrat kif suppost fis-sewqan tieghu. Min-naha l-ohra mbaghad, jidher li l-attrici kienet konxja ghal kollox li kien imissha tiffrena u thares ghal xi vetturi ghaddejjin mit-triq li kellha tittraversa. Minflok, hija harset biss lejn il-lemin u bla ma harset ukoll lejn ix-xellug baqghet hierga xorta wahda. Il-fatt li t-triq kienet imxarrba bix-xita u li kien hemm vetturi pparkeggjati qrib tal-kantuniera fejn sehh ezatt dan l-incident kien jaghmilha aktar ta' htiega fuq iz-zewg sewwieqa li jsuqu b'aktar diligenza u prudenza. Dana evidentement m'ghamluhx u konsegwentement il-htija ghal dan l-incident ghandha tinqasam kwantu ghal zewg terzi (2/3) tort tal-konvenut appellat u terz (1/3) tort ta' l-atturi appellanti bejn il-kontendenti u mhux, kif ghamlet l-Ewwel Qorti, li ddecidiet li l-htija tigi kollha addossata fuq l-attrici.

11. L-atturi sofrew danni. Fil-fatt huma esebew sensiela ta' ricevuti li gew ikkonfermati bil-gurament minghajr pero' ma gie pprezentat xi prospett definittiv tal-hsarat riportati u tal-quantum pretiz, indipendentement jigifieri minn dak muri fis-'survey report' a fol 18 tal-process. Fl-istess waqt, meta l-attur gie mistoqsi mill-Ewwel Qorti biex jikkwantifika l-quantum pretiz minnu, l-attur semma' l-ammont – indikata f'cifra ta' "Lm1,135.88c" (ara fol 67 tal-process). A skans ta' malintizi futuri, din il-Qorti, qabel ma tillikwida d-danni dovuti lill-appellanti trid taccerta ruhha sew dwar l-ammont pretiz. Illi, fl-interess taz-zewg nahat

kontendenti ghalhekk, din il-Qorti mhix sejra tiddeciedi issa dwar il-likwidazzjoni tad-danni imma sejra invece tordna biex ghalissa l-atturi jaghmlu prospett dettaljat tad-danni kif jemergi mir-ricevuti gja esebiti minnhom fil-kawza u jesebixxu l-istess prospett permezz ta' nota.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' <u>in parte</u> l-appell ta' l-atturi billi tiddikjara lill-attrici appellanti u lill-konvenut appellat bhala  responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fid-29 ta' Dicembru, 1995, biswit Triq l-Iklin, limiti ta' Birkirkara fi proporzjoni ta' zewg terzi (2/3) kontra l-appellat,  u terz (1/3) kontra l-appellanti kif fuq inghad, u kwantu ghat-tieni u t-tielet talbiet, filwaqt li tiddikjara li l-atturi tabilhaqq sofrew danni in konsegwenza ta' dan l-incident, tordna biex ghalissa l-atturi jipprezentaw prospett b'nota appozita indikanti l-istess danni.

Il-kap ta' l-ispejjez jibqa' rizervat sakemm tinghata s-sentenza finali komprendenti d-danni.

Dep/Reg

mm